**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 39**

**Data:** **30 ta' Marzu, 2022**

**Hin:** **10.30pm**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

39.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

39.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

39.5 Korrispondenza u Rapporti;

39.6 Offerti;

39.7 Progetti u Xogholijiet;

39.8 Attivitajiet;

39.9 Skeda ta' Pagamenti;

39.10 Materji ohra;

39.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**39.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

39.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

39.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

39.3.3 Is-Sindku qal li l-attivita' ta' l-'Earth Hour' li kellha ssir is-Sibt 26 ta' Marzu giet posposta ghat-2 ta' April pero' kellha terga' tigi posposta ghat-30 ta' April. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel tentattiv u jzomm din l-attivita' fit-30 ta' April.

39.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva invit minghand il-Kunsill ta' Niscemi ghas-Sagra tal-Qaqqocc li ser issir fi Sqallija bejn il-21 u 25 ta' April. Kien hemm invit ukoll lill-Ministru ghal Ghawdex fejn kemm il-Kunsill u l-Ministeru jistghu jitilghu bhala grupp wiehed. Sadanittant gie spjegat li l-program ghad qed jigi imfassal fejn ghad iridu naraw x'ser joffru bhal akkomodazzjoni, ikel, trasport u ohrajn. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa u l-fee tal-kunsilliera ghandha tithallas mill-Kunsill.

39.3.5 Is-Sindku qal li c-childcare centre hemm bzonn li jitkabbar u ghaldaqstant il-Kunsill irid jara x'jista' jsir. Is-Sindku kompla jghid li bhala possibilita' hija li l-garage li hemm ma' genb ic-centru jizdied mac-centru kif ukoll l-ufficju tal-LESA u l-Berga jigu trasferiti fis-sular ta' fuq. Sadanittant huwa qal li l-Kunsill irid pero' jsib garage bhala store. Minn ricerka li saret tal-garaxijiet fiz-zona gie spjegat li instab wiehed pero' ghad irid isir qbil fuq il-prezz. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li c-centru ghandu jikber u jittiehed l-garage u l-ufficji tal-LESA u l-Berga. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk il-prezz ma jissuperax l-€5900 ghandu jaccetta li jikrih u jitrasferixxi gewwa fih l-istore tal-Kunsill.

39.3.6 Gie spjegat li nhar il-Hamis 7 ta' April huwa l-anniversarju ta' Dun Alwig. Is-Sindku ssugerixxa li ssir lapida ta' dan il-qassis. Huwa issugerixxa li ghandu issir musical dwar hajjet il-qassis. Is-Sindku qal li waqt diskussjoni li kellu ma' l-Arcipriet id-diskors dar dwar dan l-avveniment u intqal li Dun Guzepp Tabone kien qed jigbor informazzjoni u jikteb dwar Dun Alwig. Huwa issugerixxa li l-kitba li qed issir ghandha tintuza ghal musical u il-muzika tista' ssir minn Mro Antoine Mercieca u titellgha ghal Jum l-Gharb. Peress li din is-sena jahbat ukoll il-100 sena mill-mewt

ta' Karmni Grima ikun sew li fl-istess musical tkun inkluza il-grajja ta' Karmni Grima. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku ssugerixxa lil Arcipriet li ghandha ssir zjara fuq il-qabar ta' Dun Alwig Mizzi fi Sqallija fejn l-Arcipriet kien issugerixxa il-weekend tal-festa ta' Sannat. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel kemm mall-musical kif ukoll maz-zjara u qabel ukoll li din ghandha tkun miftuha ghal kulhadd.

Joseph Mizzi dahal ghal-laqgha fil-10.44am.

**39.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

39.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi fejn huwa staqsa jekk il-Kunsill jistax ikollu grupp ta' l-indafa simili ghal dak f'Kunsilli ohra u jigu organizzati clean ups minn zmien ghal zmien. Joseph Mizzi ssugerixxa ukoll li dan jista' jigi amalgamat mall-grupp tal-first aid li kien fil-hsieb li jsir qabel ma tfaccat il-pandemija. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ma sab ebda ogezzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li dan l-avviz jigi ppublikata fuq il-Pjazza.

**39.5 Korrispondenza u Rapporti**

39.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghall-MEPA:

PA/01916/22, PA/01316/22, PA/01502/22, PA/01506/22, PA/01532/22, PA01585/22, PA/08140/21 u PA/00974/22.

39.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand il-Cast-Out fejn irringrazzjaw lill-Kunsill ta' l-ghajnuna sabiex saret l-istruttura. Is-Sindku spjega li dan il-grupp kien harrek l-istruttura tal-arti maghmula mill-flixken tal-plastic u ghamilha permanenti fil-pjazza ta' Ghajnsielem. Gie innotat li dan ma kienx gust meta wiehed jikkunsidra li l-Kunsill kien hallas il-fondi ghall-permessi u l-ftehim kien li din ghandha tithalla fil-Gharb. Huwa qal li kien issugerixxa li din kellha titpogga f'Triq l-Gharb. Min-naha taghhom huma ma zammewx il-kelma taghhom u ghamlu arrangamenti mall-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem.

39.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rigward ta' Avviz ta' Infurzar mahrug lill-fabbrika tan-Nar ta' l-Gharb. Gie spjegat li dan il-kumitat kien wessa' t-triq kif mitlub pero' xi persuni kienu regghu dejqu l-istess triq u ghaldaqstant kien hemm dizgwid u l-kaz kien qieghed jigi diskussi quddiem il-qorti.

39.5.4 Giet trattata korrispondenza fejn gie spjegat li s-sezzjoni ta' Eko-Ghawdex kienu approvaw l-estensjoni tal-progett tar-restwar tal-faccata.

**39.6 Offerti**

39.6.1 Is-SIndku spjega li l-latrina ta’ Triq Trux hemm bzonn ta’ refurbishment taghha. Huwa fakkar li din diga kienet hareg l-offerta pero’ hadd ma kien tefa’ l-offerta ghax-xoghol. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li ghandu issir dak kollu possibli sabiex jitwettaq ix-xoghol mehtieg. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

39.6.2 Offerta’ ohra li kienet ukoll diga inhaget kienet fuq il-belveder tal-Wied ta’ Jodros. Din l-offerta’ simili ghal dik tal-latrina kienet inharget pero’ ma kienx hemm offerti mitfugha. Il-Kunsill qabel li dwar dan il-progett ghandu jipprocedi.

39.6.3 Fir-rigward tar-railings, gie spjegat li l-Kunsill kien hareg offerta’ fuq is-suq pero’ l-prezz kien gie over budget. Wara ricerka fuq is-suq gie innotat li dan jista’ jingieb minn barra bi prezzijiet hafna aktar vantaggjuzi. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din l-materja u qabel li r-railings li hemm bzonn ghandhom jingabu minn barra.

39.6.4 Giet diskussa l-offerta’ tal-Astronomy Equipment fejn kien hemm offerent wiehed. Il-Kunsill baqa’ jiddiskuti u qabel mar-rakkomandazzjoni tal-board ta’ l-evalwazzjoni li din l-offerta’ u tinghata lil Prima LuceLAB.

**39.7 Progetti u Xogholijiet**

39.7.1 Is-Sindku spjega li bhalissa l-Kunsill ghaddej f’diskussjonijiet mall-kuntrattur sabiex isiru l-preparamenti kollha biex isir ix-xoghol fi Triq l-Isqof M. Molina li ghandha tkun lesta ghal zmien il-festa. Kif gie diskuss fil-laqhgha precedenti l-Water Services Corporation qeghdin jikkunsidraw jekk juzawx il-prototype ghall-kulvert f’din it-triq. Sadanittant il-Water Services Corporation ser ikunu qeghdin johorgu l-LA lill-kuntrattur. Min-naha l-ohra fir-rigward tad-dwal kif ukoll wires ohra tal-Melita u tal-GO, l-Perit qed jahdem fuq l-ispiza sabiex din tkun tigi kkunsidrata.

39.7.2 Offerta’ ohra li trid tinhareg hija dik ghar-refurbishment tal-librerija. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn qabel li ghandu jinhareg l-avviz ghall-offerta’.

39.7.3 Is-Sindku spjega li fis-suq bhalissa hemm ukoll l-offerta’ tal-bini ta’ l-istruttura tal-‘Astronomy Park’. Din l-offerta’ ser taghlaq fis-7 ta’ April, 2022.

39.7.4 Gie spjegat li l-Kunsill ghandu ukoll fondi ghall-gnien ta’ fejn il-pinnur f’San Dimitri. Il-Kunsill iddiskuta dan il-progett u qabel li ghandu jara meta ser ikun lest sabiex jinforma lill-Ministeru ghal Ghawdex biex isir il-ftuh ufficjali. Gie innotat ukoll li minn dan il-progett ghad trid tinxtara l-ghamara.

39.7.5 Is-Sindku ssugerixxa li l-pots tal-pjazza u l-ghamara l-ohra ghandha tinbidel u l-Kunsill ghandu jsib li jaghmel upgrade ta’ l-ghamara ta’ din iz-zona. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan it-tibdil. Apparti dan hemm ix-xoghol ta’ manutenzjoni li jrid isir il-pjazza. Dan ix-xoghol kien qieghed jigi diskuss mall-kuntrattur.

**39.8 Attivitajiet**

39.8.1 Gie spjegat li l-grupp ta' l-Infiorata ser ikunu qeghdin itellghu infiorata tal-melh f'Hadd il-Palm. Fl-istess waqt ser ikunu qeghdin jitpoggew kwadri tal-via crucis li ser jitpoggew fuq iz-zuntier tal-knisja.

39.8.2 Attivita' ohra li ser tigi organizzata hija fl-ewwel ta' Mejju fejn ser titella' 'Community Police day'. Is-Sindku spjega li peress li d-data qeghda fil-qrib u ghaldaqstant ma jkunx hemm hafna zmien ghall-pubblicita' huwa kien talab li tigi posposta ghal data ohra pero' x-xewqa taghhom hija li tigi organizzata f'din il-gurnata. Is-Sindku spejga ukoll li ser issir laqgha ma' l-entitajiet involuti aktar tard u wara z-zjara tal-Papa. Il-Kunsill iddiskuta din l-attivita' u qabel li din ghandha tigi organizzata.

39.8.3 Is-Sindku ppropona sabiex fix-xahar ta' Mejju tigi imtella' s-Sagra tal-qaqqocc. Giet diskussa l-attivita' fejn Miriam Borg issuggeriet li ssir ukoll girja filwaqt li Joseph Mizzi ssugerixxa li jsiru dekorazzjonijiet fil-pjazza. Bhala data giet diskussa l-possibilita' li ssir bejn is-6 u 8 ta' Mejju, 2022. Il-Kunsill qabel li ghandha titella' din l-attivita' hekk kif ikollna id-data maghzula wara li issir konsultazzjoni mall-Ministeru ghal Ghawdex.

**39.9 Skeda ta' Pagamenti**

39.9.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**39.10 Materji ohra**

39.9.2 Ma kienx hemm materji ohra.

**39.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

39.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 28 ta' April, 2022 fl-10.30am.

39.11.2 Il-laqgha spiccat fi 11.40am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv